

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 436/2011

tal-5 ta' Mejju 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 690/2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(h) tagħha,

Wara li kkunsidrat il-rekwiżiti mressqa mir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza u l-Italja,

Billi:

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 690/2008 ⁽²⁾ ċerti Stati Membri jew ċerti żoni fi Stati Membri ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' ċerti organiżmi ta' ħsara. F'ċerti każijiet ir-rikonoxximent ingħata għal perjodu ta' żmien limitat biex jippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jipprova l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juri li l-organiżmi ta' ħsara kkonċernati ma kinux jeżistu fl-Istat Membru jew fiż-żona kkonċernata jew biex itemm l-isforzi biex jeqred l-organiżmu inkwistjoni.
- (2) It-territorju kollu tal-Greċja ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dendroctonus micans* Kugelan, il-*Gilpinia hercyniae* (Hartig), il-*Gonipterus scutellatus* Gyll., l-*Ips amitinus* Eichhof, l-*Ips cembrae* Heer u l-*Ips duplicatus* Sahlberg sal-31 ta' Marzu 2011.
- (3) Fl-2010 l-Greċja wettqet stħarriġ u infurmat lill-Kummissjoni bir-riżultati f'konformità mat-tielet u l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 2(1)(h) tad-Direttiva 2000/29/KE. Żjara fil-Greċja mill-esperti tal-Kummissjoni mill-24 sal-31 ta' Jannar 2011 kkonfermat li dak l-Istat Membru kompli jagħmel progress sinifikanti fir-rigward tal-organizzazzjoni u t-twettiq ta' dak l-istħarriġ u fir-rigward tan-notifikazzjoni tar-riżultati tiegħu. Madankollu, huwa meħtieġ li l-Greċja tagħti prova li l-progress li sar huwa sostenibbli.
- (4) Skont ir-riżultati tal-istħarriġ li sar fil-Greċja fl-2010, kien hemm sejbha waħda biss ta' *Ips cembrae* Heer, u ma kienx hemm sejbiet tal-ħames organiżmi l-oħra kkonċernati.

Filwaqt li jiġu kkunsidrati dawk ir-riżultati u l-eżitu ta' dik iż-żjara tal-esperti tal-Kummissjoni fil-Greċja, huwa xieraq li l-Greċja tkompli tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward ta' dawk l-organiżmi għal tliet snin oħra, sabiex tagħti lill-Greċja ż-żmien meħtieġ biex tiġbor u tressaq informazzjoni li tikkonferma li dawk l-organiżmi, minbarra l-*Ips cembrae* Heer, ma jeżistux fit-territorju tagħha u, biex fir-rigward tal-*Ips cembrae* Heer, tkompli l-isforzi biex teqirdu u biex tiġbor u tissottometti l-informazzjoni li tikkonferma li dak l-organiżmu ma jeżistix aktar fit-territorju tagħha.

- (5) It-territorju kollu tal-Greċja ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-vajrus tas-Citrus tristeza (varjanti Ewropej). Fir-rapport annwali għall-2010 dwar l-istħarriġ uffiċjali li sar dwar il-preżenza ta' dak l-organiżmu ta' ħsara, il-Greċja rrapportat 104 siġra li rriżultaw pożittivi għal dak l-organiżmu ta' ħsara fil-Prefettura ta' Argolida. Osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni matul iż-żjara fil-Greċja mill-24 sal-31 ta' Jannar 2011 ikkonfermaw li l-vajrus tas-Citrus tristeza (varjanti Ewropej) kien preżenti f'dik il-prefettura tal-inqas għal dawn l-aħħar tliet snin minkejja l-miżuri ta' eradikazzjoni li wettqu l-awtoritajiet Griegi, li rriżultaw mhux effettivi. Konsegwentament, il-vajrus tas-Citrus tristeza (varjanti Ewropej) għandu jiġi kkunsidrat bħala stabbilit fil-Prefettura ta' Argolida. Għaldaqstant, dik il-prefettura ma għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara.
- (6) It-territorju kollu ta' Spanja ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward ta' *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. Spanja ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al. issa hija stabbilita fil-komunità awtonoma ta' Castilla y León. Il-miżuri meħuda għal perjodu ta' sentejn suċċessivi, l-2009 u l-2010, bil-għan li jeqirdu l-organiżmu li jagħmel ħsara wrew li ma kinux effettivi. Għaldaqstant, Castilla y León m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward ta' dan l-organiżmu ta' ħsara.
- (7) It-territorju kollu tar-Repubblika Ċeka, ċerti reġjuni ta' Franza (Alsace, Champagne-Ardenne u Lorraine) u reġjun wieħed fl-Italja (Basilicata) ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-Grapevine flavescence dorée MLO sal-31 ta' Marzu 2011. Minn meta ngħata dak ir-rikonoxximent, l-informazzjoni mibgħuta mir-Repubblika Ċeka, Franza u l-Italja, mindu ngħata dak ir-rikonoxximent tat evidenza li dak l-organiżmu ta' ħsara ma jinstabx fiż-żoni protetti kkonċernati. Għaldaqstant it-territorju kollu tar-Repubblika Ċeka, ir-reġjuni ta' Alsace, Champagne-Ardenne u Lorraine fi Franza u r-reġjun ta' Basilicata fl-Italja għandhom ikompli jiġu rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' dak l-organiżmu.

⁽¹⁾ ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 193, 22.7.2008, p. 1.

- (8) L-Italja talbet li r-reġjun ta' Sardenja jkun rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-organiżmu ta' ħsara Grapevine flavescence dorée MLO. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2004 u l-2010, l-Italja ressqet evidenza li l-organiżmu kkonċernat ta' ħsara ma jeżistix fir-reġjun ta' Sardenja minkejja kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jstabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, huwa meħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi monitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk Sardenja għandha tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward tal-Grapevine flavescence dorée MLO għal perjodu ta' tliet snin biss.
- (9) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 690/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Ir-rikonoxximent attwali ta' wħud minn dawn iż-żoni protetti jiskadi fil-31 ta' Marzu 2011. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' April 2011 sabiex jippermetti rikonoxximent mhux interrott taż-żoni kollha protetti.
- (11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 690/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fit-tieni kolonna tal-punti 4, 5 u 7 sa 10 tal-intestatura (a), wara l-kelma "Greċja", il-kliem "(sal-31 ta' Marzu 2011)" huma sostitwiti bil-kliem "(sal-31 ta' Marzu 2014)".
- (2) Fit-tieni kolonna tat-2 punt tal-intestatura (b), wara l-kelma "Spanja" il-kliem "(minbarra l-komunità awtonoma ta' Castilla y León)," huma miżjuda.
- (3) L-intestatura (d) hija emendata kif ġej:
- (a) Fit-tieni kolonna tal-punt 3, wara l-kelma "Greċja" il-kliem "(minbarra l-Prefettura ta' Argolida)," huma miżjuda.
- (b) Il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Grapevine flavescence dorée MLO	Ir-Repubblika Ċeka (Alsace, Champagne-Ardenne u Lorraine), l-Italja ((Basilicata) u (Sardenja, sal-31 ta' Marzu 2014))"
-------------------------------------	---

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO